# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001

**Numru 4**

**Cit. Nru. 823/99 NA**

**Vivian Charmaine Mizzi**

**vs**

**Carmel Mizzi**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Peress illi kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella fil-15 ta' Luljju, 1982, kien gie stipulat bejn il-partijiet illi l-istess konvenut ihallas lill-attrici 35% mill-introjtu kurrenti tieghu f'kull gimgha u dana kellu jithallas b'effett minn meta l-istess Carmel Mizzi jibda jahdem;
>
> Peress illi l-istess Carmel Mizzi ilu diversi snin jahdem izda qatt ma hallas flus lill-mittenti bhala manteniment;

Peress illi l-konvenut interpellat sabiex jiddikjara l-introjtu tieghu kurrenti sabiex ihallas l-imsemmi 35% baqa inadempjenti u jhallas l-istess baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tillikwida l-introjtu li bhall-istess konvenut minn meta beda jahdem wara l-15 ta' Lulju, 1982 sal-lum u kif ukoll tillikwida mill-istess ammont, il-percentwali pagabbli lill-attrici kif fuq premess;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk likwidat kontra l-konvenut u b'rizerva ghall-manteniment ulterjuri dovut lill-attrici kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Stat kontumacjali**

Il-konvenut gie debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni fis-27 ta' Lulju, 1999, imma baqa' ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet, b'rizultat li l-ewwel Qorti ddikjarat li kien kontumaci. B'danakollu, fl-ewwel jum tas-smiegh, is-seduta tas-19 ta' Settembru, 1999, l-ewwel Qorti, nonostante l-kontumacja tal-konvenut, innominat Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

**Rikors ta' gustifikazzjoni**

Fit-22 ta' Settembru, 1999, il-konvenut ipprezenta s-segwenti rikors fejn talab lill-Qorti li jiggustifika l-kontumacja tieghu:-

"Illi l-esponenti gie notifikat b'kopja tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi;

Illi anness ma' din ic-citazzjoni kien hemm avviz ghas-smiegh tal-kawza fejn il-konvenut gie avzat li l-kawza giet imqeghda fuq il-lista tal-kawzi li kellhom jinstemghu nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru, 1999;

Illi l-esponenti ha konjizzjoni tac-citazzjoni odjerna u tad-dokumenti maghha annessi;

Illi l-esponenti haseb illi l-karti li rcieva kienu semplici avviz illi l-imsemmija kawza thalliet ghas-smiegh ghall-15 ta' Settembru, 1999, u kien biss meta informa lill-konsulent legali tieghu li rrealizza li kien ghadda z-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Illi l-esponenti ma kienx jaf li kien hemm zmien prefiss ghal dan il-ghan u haseb illi seta' jaghmel is-sottimissjonijiet tieghu verbalment u permezz ta' dokumenti li ghandu l-hsieb jesebixxi aktar tard;

Illi skond gurisprudenza tal-Qrati Superjuri ta' Malta, il-kontumacja hija meqjusa bhala n-nuqqas tal-konvenut li jkun prezenti ghall-gudizzju, u dizubbidjenza ghall-ordni tal-Qorti (vide Abela vs. Azzopardi, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Mejju, 1990, LXXIV.II.337). Il-kontumacja trid tkun kemm formali u kif ukoll sostanzjali, cioe' l-konvenut irid ikun assenti kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Fi kliem il-Qorti fis-sentenza citata: ".....l-assenza mill-atti trid tigi kkonfermata b'assenza ukoll mill-udjenza – biex il-konvenut jigi ritenut bhallikieku huwa kontumaci, fis-sens pien tal-kelma........"

Illi l-interess tal-konvenut fil-kawza odjerna u l-fatt li l-istess konvenut qieghed issa jipprezenta rikors sabiex jinghata l-fakolta' li jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijet tieghu, juri bic-car illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jkun dizubbidjenti ghall-ordni tal-Qorti;

Illi inoltre, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Joseph Naudi Montaldo noe vs. Emmanuel Xeureb (deciza fis-27 ta' Frar, 1995, Vol. LXXIX.III.1214) stabbiliet illi "L-istitut tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu, wera kontumelja u disprezz ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bl-avviz, citazzjoni, libell jew petizzjoni u hija din id-disubbidenza animata psikologikament b'dawk il-

fatturi ta' kontumelja u disprezz li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' dizordni socjali".

Illi l-konvenut kien zvijat b'cirkostanzi li ragonevolment setghu igieghlu persuna li m'ghandhiex livell ta' edukazzjoni akkademika gholi, u wisq anqas kultura legali, li jippresumi li kien bizzejjed li jkun prezenti ghall-udjenza; Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li b'dan in-nuqqas tieghu huwa wera kontumelja u disprezz lejn is-sejha tal-Qorti. Lanqas ma jista' b'raguni jinghad illi huwa kkontribwixxa ghad-dizordni socjali li l-istitut tal-kontumacja irid jippunixxi;

Illi jekk l-esponenti ma jipprezentax l-eccezzjonijiet tieghu fil-kawza odjerna huwa ser ikun serjament ippregudikat u din tkun sanzjoni sproporzjonata ghal semplici leggerezza tieghu li halla z-zmien utli jghaddi;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan taht dak il-provvediment li l-istess Qorti jidhrilha xieraq".

**Risposta**

L-attrici hekk irrispondiet ghal dan ir-rikors:-

"1. Illi li dina m'hijiex kawza ta' separazzjoni jew annullament izda hija kawza sabiex hija tiehu dak li haqqha fir-rigward tal-manteniment u dan a bazi ta' dak li gie pattwit bejn il-partijiet meta ghamlu l-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom diversi snin ilu.

2. Illi li l-konvenut ilu zmien twil notifikat bic-citazzjoni u minkejja li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-15 ta' Settembru, 1999, ir-rikors odjern gie ipprezentat fit-22 ta' Settembru, 1999.

3. Illi l-esponenti taf li l-konvenut mhux wiehed li qatt ma resaq il-Qorti. Anzi hija taf li l-konvenut, anke fil-kapacita' tieghu

ta' manager tas-socjeta' Chaz Limited, jaf l-affarijiet tieghu meta jrid;

4. Illi huwa evidenti li anke mill-kontenut ta' l-istess rikors, illi l-istess Carmel Mizzi wera nuqqas serju illi, malli gie notifikat bid-dokument relattiv ghall-kaz, naqas milli jaghmel il-minimu u cioe' li jikkonsulta ruhu ma' avukat. Huwa halla x-xhur kollha jghaddu u ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti tmur kontra l-principji taghha relattivi ghall-istitut tal-kontumaci. Jekk il-Qorti tilqa' t-talba kif kontenuta f'dana r-rikors tkun qeghdha tiftah kamp li jmur ferm oltre dak li gia kien intiz meta saru il-ligijiet relattivi u partikolarment meta gie emendat il-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-1995.

5. Il-fatt illi l-legislatur impona certu rigorizita' fit-terminu stabbilit ghar-risposta tal-kawza u l-fatt illi l-legislatur haseb ghal dawk il-kazijiet fejn il-konvenut ma jithalliex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ghaliex ikun kontumaci, ifisser illi l-legislatur ried illi l-gustifikazzjoni ghall-kontumaci trid tkun raguni serja u fondata.

6. Huwa evidenti li f'dan il-kaz il-mertu tar-rikors m'huwiex wiehed minn dawn il-kazijiet, u f'dan ir-rigward l-esponenti jaghmel riferenza ghal decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif preceduta fil-kawza fl-ismijiet Marisa Debono vs. Frank Borda Limited, Citazz. Numru 405/98 NA deciza in parte fit-23 ta' Gunju, 1999".

**Digriet**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddegretat dan ir-rikors bis-segwenti digriet appellat f'din l-istanza:-

"Il-Qorti,]

Rat ir-rikors tat-22 ta' Settembru, 1999;

Rat ir-risposta;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2000, fejn ukoll gie trattat l-istess rikors;

Il-Qorti mhix tant konvinta bl-argumentazzjoni legali migjuba mir-rikorrent biex jiggustifika l-kontumaci tieghu;

Hija pero', f'kawza ta' separazzjoni dejjem tat il-possibilita' lill-konvenut kontumaci biex jaghmel nota ta' eccezzjonijiet, u minkejja illi din il-kawza mhix strettament wahda ta' separazzjoni personali temergi minnha u ghalhekk il-Qorti qeghda taghti ghoxrin gurnata lill-konvenut biex jaghmel nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu tenut kont ukoll ghas-spjegazzjoni li ta meta xehed bil-gurament".

**Appell**

L-attrici hasset ruhha aggravata b'dan id-digriet u, wara li talbet u ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni ta' l-ewwel Qorti, appellat minnu quddiem din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti ssib simpatija ma' l-aggravju ta' l-appellanti. Dan peress li ma tistax taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti bhala premessa ghad-decizjoni taghha li tilqa' t-talba biex il-konvenut jiggustifika l-kontumacja tieghu illi: "F'kawza ta' separazzjoni dejjem taghti l-possibilita' lill-konvenut kontumaci biex jaghmel nota ta' l-eccezzjonijiet". Din il-liberalita' favur il-parti citata fi procedura ta' separazzjoni personali

li tavvantaggjaha fil-konfront ta' partijiet ohra citati fi proceduri ta' indole differenti ma ssib l-ebda riskontru fil-ligi.

Indubbjament l-istutut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex.

Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri.

Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien rejalment il-htija tat-tifrik taz-zwieg.

Din il-Qorti allura taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti ghad-digriet appellat ma kienetx sostenibbli fil-ligi. Dan ukoll ghaliex effettivament id-digriet ta' l-ewwel Qorti ma kienx jinkwadra ruhu fis-sodisfazzjoni da parti tal-konvenut kontumaci li jiggustifika l-kontumacja tieghu.  F'dan ir-rigward infatti l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kienetx  tant konvinta bl-argumentazzjoni "legali" migjuba mill-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.  Kien ghall-kuntrarju ezercizzju ta' diskrezzjoni da parti ta' l-ewwel Qorti li ppermettiet il-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet da parti tal-konvenut kontumaci, <u>nonostante</u>  li dan ma kienx adegwatament jiggustifika l-kontumacja tieghu.  Ezercizzju ta' diskrezzjoni li l-ligi mkien ma taghti lill-Qorti.

Finalment din il-Qorti tinnota wkoll illi kif ormai pacifiku fil-gurisprudenza, hi, bhala Qorti ta' Revizjoni, ma kienetx bhala regola tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti fl-ewwel grad, sakemm ma tkunx tirrizulta li ser issir xi ingustizzja manifesta.  Pero' dan il-principju

japplika naturalment biss fejn il-Qorti ta' l-ewwel grad ikollha, fil-ligi, id-dritt li tezercita tali diskrezzjoni. Fil-kaz taht ezami, it-termini tal-motivazzjoni tad-digriet huma tali li ma jippermettux lil din il-Qorti li tiddesisti milli tissindika l-korrettezza ta' dak id-digriet, bazat kif inghad esklussivament fuq ezercizzju zbaljat ta' diskrezzjoni, propju ghaliex l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma tat indikazzjoni li l-konvenut appellat kien irnexxielu, anke jekk mhux b'tant konvinzjoni, jiggustifika l-kontumacja tieghu.

L-appell allura kien jimmerita li jigi milqugh. Dan naturalment bla pregudizzju kkonferma l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet introdotti bl-emendi ta' l-Att XXIV ta' 1995 li jiffavorixxu minimu ta' difiza lill-parti kontumaci, u dana waqt li l-ewwel Qorti tithalla in piena liberta li tikkonduci l-proceduri quddiemha fil-limiti konsentiti billi tqis il-kontumacja tal-konvenut appellat bhala stat ta' kontestazzjoni tal-mertu. Jigi ghal kull bon fini dikjarat illi din il-Qorti ezaminat l-isforz fjakk li ghamel il-konvenut biex jittanta jiggustifika l-kontumacja tieghu, b'tentattiv li bl-ebda mod ma hu konvincenti u hu ghall-kuntrarju indikattiv ta' non-kuranza assoluta da parti tieghu li jobdi l-ordni tal-Qorti li tirrazenta l-kontumelja u disprezz lejn l-awtorita' taghha. F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mal-fehma li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kif espressa fid-digriet appellat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell, u tirrevoka d-digriet appellat waqt li tiddikjara li l-konvenut kien  fi stat kontumacjali li ma rnexxielux jiggustifika.  L-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut appellat.  L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mm